**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**MALTA**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-25 ta' Novembru, 2016**

**Talba numru: 329/2016AM3**
**Numru fuq l-lista: 61**

**GO plc (22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa**
**MRS1501**

**Vs**

**Rhuma Bartolo Michelle Ann (K.I.470796M)**
**Sacred Heart Court Flat 3,**
**Triq tal-Barklor,**
**Hal Ghaxaq**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-17 ta' Awwissu, 2016 li permezz tieghu s-Socjeta attrici talbet il-hlas minghand il-konvenuta fl-ammont ta' sitt mija u tmienja u sebghin ewro u tnejn u disghin centezmu (€678.92c) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement (Home Pack) liema servizzi huma migbura fil-kont bin-numru 40166703.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, il-konvenuta ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-provi migbura mis-Socjeta' attrici fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2016 f'liema seduta s-Socjeta' attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi.

Ra li l-konvenuta imsejjha tlett darbiet fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2016 ma dehritx u ghaldaqstant dan it-Tribunal ddikjara l-provi maghluq u ddiferixxa l-kawza ghas-sentenza.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta' attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta tħallas lis-Soċjeta' attriċi is-somma ta' sitt mija u tmienja u sebghin ewro u tnejn u disghin centezmu (€678.92c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali tas-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali huma a kariku tal-konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**